

# STUDJI DUNKARMJANI

CARMEL AZZOPARDI
EDITUR



# Studji Dunkarmjani

CARMEL AZZOPARDI
EDITUR

L-AKKADEMJA TAL-MALTI
**klabb kotba maltin**
bil-kollaborazzjoni tal-
MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI,
XOGĦOL U L-FAMILJA

Ippubblikat għall-ewwel darba
mill-Klabb Kotba Maltin,
Triq il-Karmelitani, Santa Venera SVR1724
Tel: 21239039, 21497046
Indirizz elettroniku: sales@midseabooks.com

Copyright Letterarju © L-Akkademja tal-Malti flimkien mal-awturi, 2011
Copyright Editorjali © Klabb Kotba Maltin, 2010

Stampat għall-ewwel darba fl-2011

Il-jeddiet tal-pubblikazzjoni kollha miżmuma mill-awturi.
Ebda silta minn dan il-ktieb ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-awturi.

Produzzjoni: Mizzi Design and Graphic Services, Sta Venera

ISBN 978-99932-7-389-9

# WERREJ

Daħla v

Dettalji dwar l-istudji vii

*Prof. Ġużè Aquilina*
Dun Karm u Żminijietu 1

*Prof. Oliver Friggieri*
Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm 21

*Rev. Dwardu Fenech*
Aspetti Stilistiċi fil-Poeżija ta' Dun Karm 61

*Prof. Anthony Bonanno*
L-Arkeoloġija f'Dun Karm 103

*Rev. Prof. Peter Serracino Inglott*
Filosofija u Xbihat f'Dun Karm
"Itektek bil-Għasluġ...." 129

*Prof. Daniel Massa*
Kurrenti Kuntrarji f'"Il-Jien
u Lil Hinn Minnu" 147

*Frans Sammut*
Dun Karm – l-Ambjent Żebbuġi
u Lil Hinn Minnu 179

*Rev. Prof. Peter Serracino Inglott*
Dun Karm Poeta Ċajtier 209

*Immanuel Mifsud*
L-Impossibbli Poetiku: it-Tensjoni bejn Malta Mara u l-Mara Maltija 217

*Prof. Oliver Friggieri*
Appendiċi I: Il-Ġbir tal-poeżiji kollha bit-Taljan u bil-Malti ta' Dun Karm 229

*David Agius Muscat*
Appendiċi II: Ir-Rabta tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti mal-Innu Nazzjonali 247

# DAĦLA

Il-poeta nazzjonali laqat l-attenzjoni tal-kritiċi Maltin li raw fil-varjetà tematika, fil-kapaċità fit-tħaddim tal-lingwa u fil-profindità tal-ħsieb għalqa għammiela fejn jimirħu. Ħafna mill-istudji li saru fuq Dun Karm kienu f'forma ta' taħditiet li fil-biċċa l-kbira tagħhom ingħataw fis-sensiela Konferenzi Dun Karm imnedija fl-1975 fuq inizjattiva ta' Karmen Mikallef Buħaġar li ħalliet somma ta' flus biex bl-imgħax tagħha ssir konferenza fuq Dun Karm kull sentejn.

Bejn l-1975 u l-1999 saru tlettax-il konferenza f'din is-sensiela, bosta minnhom validi għall-aħħar. Bla dubju din is-sensiela tat kontribut siewi biex jitjieb il-livell tal-kritika letterarja inġenerali u biex il-kritika letterarja lokali tinqata' mill-kritika x'aktarx impressjonistika u taqbad it-triq tal-kritika bbażata fuq it-teoriji moderni. Xi wħud mit-taħditiet ġew stampati f'kotba żgħar li nħarġu għall-okkażjoni, oħrajn ma ġew stampati qatt, u xi ftit, diżgrazzjatament intilfu, jew għallinqas kopja tagħhom ma nstabitx.

F'din is-sena li taħbat il-ħamsin anniversarju mill-mewt ta' Dun Karm, l-Akkademja tal-Malti ħasbet li tkun ħaġa utli u xierqa li tiġbor l-aħjar taħditiet li saru fuq Dun Karm u tippubblikahom fi ktieb. Minn dan il-ħsieb nibet il-ktieb "Studji Dunkarmjani". L-Akkademja ressqet il-proposta lill-Klabb Kotba Maltin li qabel mill-ewwel mal-idea tal-

pubblikazzjoni, ħatret bord ta' esperti biex jagħżlu l-aħjar taħditiet minn fost is-serje Konferenzi Dun Karm u minn fost taħditiet li saru f'okkażjonijiet oħra, u ħejjiet ukoll it-testi magħżula għall-pubblikazzjoni.

Minbarra l-kriterju tal-validità tat-testi, il-bord tal-għażla żamm f'moħħu wkoll li fl-għażla tiegħu jippreżenta testi li anke jagħtu stampa tal-evoluzzjoni fil-kritika letterarja dunkarmjana. It-taħditiet magħżula, minbarra l-kontribut kritiku per se, jirreġistraw din l-evoluzzjoni anke kronoloġikament.

It-taħditiet fis-sensiela Konferenzi Dun Karm waqfu fl-1999. Issa tħabbar li d-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta se jerġa' jkompli din is-sensiela. Aħbar tajba. Għax is-suġġett Dun Karm għadu mhux eżawrit. Għad hemm bosta aspetti f'Dun Karm li għadhom m'għaddewx mill-għarbiel tal-kritiċi. Dan jawgura tajjeb kemm għal għarfien u apprezzament aħjar tal-opra poetika ta' Dun Karm u kemm għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-kritika letterarja lokali.

Carmel Azzopardi
16 ta' Novembru 2011

# DETTALJI DWAR L-ISTUDJI

*Dun Karm u Żminijietu*
Prof. Ġużè Aquilina
Konferenza Dun Karm li saret fil-5 ta' Marzu 1976, fl-Università ta' Malta

*Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm*
Prof. Oliver Friggieri
Konferenza Dun Karm li saret fit-28 ta' Ottubru 1977, fl-Università ta' Malta

*Aspetti Stilistiċi fil-Poeżija ta' Dun Karm*
Rev. Dwardu Fenech
Konferenza Dun Karm li saret fit-18 ta' Ottubru 1979, fl-Università ta' Malta

*L-Arkeoloġija f'Dun Karm*
Prof. Anthony Bonanno
Konferenza Dun Karm li saret fit-23 ta' Ottubru 1887, fl-Università ta' Malta

*Filosofija u Xbihat f'Dun Karm "Itektek bil-Għasluġ...."*
Rev. Prof. Peter Serracino Inglott
Konferenza Dun Karm li saret fl-10 ta' Ottubru 1989, fl-Università ta' Malta

*Kurrenti Kuntrarji f'"Il-Jien u Lil Hinn Minnu"*
Prof. Daniel Massa
Konferenza Dun Karm li saret fil-25 ta' Ottubru 1991, fl-Università ta' Malta

*Dun Karm – l-Ambjent Żebbuġi u Lil Hinn Minnu*
Frans Sammut
Konferenza Dun Karm li saret fit-8 ta' Novembru 2002, fl-Università ta' Malta

*Dun Karm Poeta Ċajtier*
Rev. Prof. Peter Serracino Inglott
Serata mużiko-letterarja mtellgħa mill-Każin Banda San Filep li saret fid-19 ta' Frar 2011, fil-Każin Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ

*L-Impossibbli Poetiku: it-Tensjoni bejn Malta Mara u l-Mara Maltija*
Immanuel Mifsud
"L-Omm li Tatna Isimha", serata mużiko-letterarja mtellgħa mill-Akkademja tal-Malti u l-Kumitat Festi Nazzjonali fit-3 ta' Diċembru 2011, fil-Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta

# L-ARKEOLOĠIJA F'DUN KARM

**Prof. Anthony Bonanno**

L-arkeoloġija hija xjenza, fit-tifsira tagħha Taljana (*una scienza*), Franċiża (*une science*), u Ġermaniża (*eine Wissenschaft*), iktar milli fit-tifsira tagħha Ingliża (*science*) li tinvolvi raġunar u metodoloġija empiriċi . U bħala xjenza, trid jew ma tridx, ikollha tħaddem kriterji u metodi kemm jista' jkun oġġettivi, u twarrab kemm jista' jkun ġudizzji personali, soġġettivi.[1] Huwa hawn li jidħol il-konflitt intern f'min, bħali bħalissa, jipprova jfittex il-komponent oġġettiv, xjentifiku, f'ġeneru ta' kitba (il-poeżija) essenzjalment soġġettiv, li joħroġ mill-qalb. Jidħol ukoll, kif naraw iktar 'il quddiem, il-konflitt fil-poeta nnifsu li fl-interpretazzjoni tal-istorja jagħżel il-vokazzjoni tiegħu ta' poeta u jwarrab dik tal-istoriku analista. Fi kliem Oliver Friggieri

> hu jaqbel għalkollox ma' xi Foscolo li jagħti lill-poeta l-akbar libertà li jħaddem is-"setgħa maġika" tiegħu quddiem il-fatti oġġettivi, u ma' xi Manzoni li jara fil-poeta l-bniedem li jintuwixxi l-ġrajjiet u li jgħaqqad f'korp wieħed il-veritajiet li x-xhieda storika mhix f'qagħda li tikkompleta.

Dan kollu qed ngħidu biex nipprepara lill-qarrej għal xi ġudizzju jew kumment li nista' nagħmel 'il quddiem fuq il-korrettezza ta' pożizzjoni, ġudizzju, jew attitudni li Dun

Karm jieħu quddiem xi avvenimenti jew perjodi tal-istorja ta' artna; kummenti li jistgħu jinħassu, *prima facie,* negattivi, iżda li bl-ebda mod ma jnaqqsu mill-merti ta' Dun Karm bħala poeta, poeta nazzjonali, poeta universali. "L-istoriku li jiddokumenta jsir il-poeta li jintuwixxi l-istorja."[2]

M'hemmx dubju li jekk hemm qasam tal-arkeoloġija li huwa rrappreżentat fil-poeżija ta' Dun Karm dan huwa l-qasam tal-Arkeoloġija Kristjana. U dan ma jistax jonqos għaliex l-ispirazzjoni ewlenija tal-poeta nazzjonali Malti kienet dik reliġjuża, Nisranija u Kattolika.

L-imħabba li Dun Karm kellu lejn il-poeta Taljan Ugo Foscolo u l-influwenza profonda li dan kellu fuq il-ħsieb poetiku tal-poeta Malti huma magħrufin biżżejjed u fissirhom tajjeb Oliver Friggieri fis-saġġi tiegħu: *Il-kriżi Foscoljana*. Tant kien imsaħħar minn Foscolo, Dun Karm, li qaleb għall-Malti waħda mill-isbaħ poeżiji mhux biss ta' Foscolo iżda wkoll tal-letteratura Taljana: il-karme *I Sepolcri,* "biċċa xogħol iebsa bħaż-żonqor" kif stqarr l-istess Dun Karm. U tant kienet kbira l-influwenza li kellu Foscolo fuq Dun Karm, speċjalment dan l-istess karme, li Dun Karm ħass il-bżonn li jikteb poeżija oħra, *Il-Jien u lil Hinn Minnu,* bħala tweġiba reliġjuża, Kattolika, għall-pożizzjoni razzjonali ta' Foscolo, li tidher li f'xi waqtiet kienet heżżitlu mill-qiegħ is-sisien tal-konvinzjoni Nisranija.

Dun Karm, bħal Foscolo, kien mifni mix-xewqa għall-immortalità. F'*I Sepolcri* Foscolo jsib l-unika forza immortalatriċi fil-Poeżija, fil-figura tal-poeta Omeru l-għannej tat-tiġrif ta' Trojja u l-Eroj tagħha; niċċita mit-traduzzjoni ta' Dun Karm tal-karme. Il-poeta qed jitkellem mas-siġar taċ-ċipress u tal-palm.

Xi darba għad taraw taħt djielkom qodma
tallab agħma jiġġerra jfittex b'idu,
jidħol bejn l-oqbra u jgħannaq dawk il-ġarar

u jistaqsihom. Mill-għerien moħbija
joħroġ leħen imbikki u l-imwiet kollha
itennu l-ġrajja ta' Iljòn imġarraf...
... U int, Ettore, jkollok
ħarag ta' dmugħ kull fejn qaddis u mibki
jinżamm id-demm għal art twelidna mxerred,
u sakemm tibqa' x-xemx mis-sema tiddi
fuq id-dmugħ u l-ħsarat ta' ġens il-bniedem.

Dun Karm jidher jimxi fuq l-istess mogħdija tal-Foscolo fil-poeżija lirika *Non Omnis Moriar*:

Iżda l-għanja ma tmutx;
jitniehed il-poeta –
minn taħt il-għatu
tal-qabar waħdu tibqa' ħierġa safja
il-mewġa ddoqq li ġewwa qalbi ssawret
fil-ħolma ta' żgħożiti
u f'taqsim ġdid intisġet
mal-għanja li għannejt fl-aħjar ta' żmieni.

Bħal Foscolo, Dun Karm jislet in-nebħa tiegħu fuq l-immortalità minn monument arkeoloġiku, minn ċimiterju; iżda din id-darba mhux ċimiterju pagan imma ċimiterju Nisrani *par excellence*: il-*Katakombi*.

Dun Karm kiteb żewġ għanjiet bl-isem *Fil-Katakombi:* waħda fl-1927 u l-oħra fl-1934, u fit-tnejn jidwi l-messaġġ tan-*Non Omnis Moriar* (= "ma mmutx kollni kemm jien")

Din mhix raqda ta' dejjem;
fuq l-oqbra titlajja t-tama.

jgħid il-poeta fl-ewwel poeżija, dik tal-1927,

Minn hawn jidher is-sema
l-għamara sabiħa ta' dejjem.

Il-messaġġ huwa ċar: il-poeta jemmen fis-saltna tas-sema, l-għamara ta' dejjem.

Hawnhekk ippermettuli niftaħ parentesi żgħira biex naqsam magħkom is-sbuħija tal-antitesi, tal-kuntrast, li juża l-poeta ripetutament bejn ir-realtà arkeoloġika u l-ħsibijiet tiegħu fuq il-ħajja ta' wara din u fuq it-twemmin Nisrani kif imnebbħa minn dawn l-oqbra kollettivi tal-Insara bikrin. Araw ftit; l-ewwel strofa:

Aktar ma ninżel 'l isfel
f'dis-saltna tal-mewt u tas-sikta
Aktar ħsiebi jittajjar
'il fuq, lejn is-saltna tal-ħajja.

L-antitesi hawn ninnotawha bejn il-verbi "ninżel-nittajjar", u bejn l-avverbi "'l isfel – 'il fuq"; bejn "saltna tal-mewt" u "saltna tal-ħajja".

U t-tieni strofa:
Inħoss ir-reżħa niedja
tal-ħofra dellija fuq wiċċi,
Imma ġo qalbi tikbes
bħal xrara ta' mħabba li taħraq

fejn il-kuntrast qiegħed bejn "reżħa niedja" (realtà fiżika) u "xrara li taħraq" (realtà ta' sentiment).

Fl-aħħar strofa, "Minn hawn jidher is-sema" jerġa' jaqbad u jikkuntrasta mal-ewwel vers tal-poeżija: "Aktar ma ninżel 'l isfel; u "Hawnhekk jinsama' l-innu" jikkuntrasta mas-"saltna ... tas-sikta" fit-tieni vers.

Ix-xewqa tal-bniedem li ma jmutx għalkollox insibuha espressa b'iktar qawwa fit-tieni poeżija *Fil-Katakombi* fejn:

... l-ebda
kburi ma ħaseb lilu nnifsu jħalli
minqux fir-rħam hawnhekk, biex minnu jibqa'
l-isem għall-inqas u ma jmutx għalkollox.

Mill-katakombi, mill-monument arkeoloġiku joħroġ ukoll il-ħsieb tal-"frugħa tal-frugħat":
Kull min hawn niżel, għad li għex fid-dinja
ma kienx tad-dinja u ġid u għana u żîna
għalih fiergħa u bla togħma. Oh! x'jiswa, x'jiswa
tikseb u taħżen, la ma żżommx għal dejjem!

Iżda hawn it-tweġiba għall-aspirazzjoni tas-sopravvivenza nsibuha fit-twemmin fil-Qawmien mill-Mewt.
Kull min niżel hawnhekk kien jaf li nieżel
f'nagħsa li minnha jqum; kien jaf li Alla
jarġa' jiġbor f'setgħetu t-trab tal-oqbra
imxerred kullimkien u jarġa' minnu
idomm l-iġsma li l-Mewt ħattet u farrket.

L-istess messaġġ ilissnu f'widnejn il-poeta l-musbieħ tal-mużew fl-għanja li ġġib dan l-isem:
"Mhux kollox jinqered
taħt minġel ħażin,
mhux kollox jitbiddel
mal-ħerba tas-snin;"

Baqa' ħaġa sabiħa minn żmien il-musbieħ, baqa' kelma qaddisa:
"Il-kelma huwa l-isem
Ta' Kristu Feddej ...
Il-Ħaġa hija x-xirka
Ta' dan il-Mislub."

## Il-Musbieħ

Din il-poeżija, *Il-Musbieħ tal-Mużew*, jistħoqqilha trattament għaliha għaliex, kif diġà jagħti x'jifhem l-isem, hija l-iktar poeżija ta' kontenut arkeoloġiku.[3] Għal darba oħra Dun Karm jitnebbaħ minn monument arkeoloġiku, din id-darba oġġett ta' arti mobiljari – musbieħ – biex jislet minnu, ta' poeta-qassis li hu, il-messaġġ Nisrani tal-Mislub. Il-poeta jibda biex jagħti d-dettalji deskrittivi, jew kif insibuhom aħna – "antikwarji", tal-oġġett li għandu quddiemu. Jgħidilna kif il-musbieħ ittella' "mid-dalma tal-qabar" fejn kienu difnuh u kien qed jitmermer – iċ-ċirkustanzi tas-sejba.[4] Jgħidilna li hu tal-fuħħar, b'fommu maħruq u bil-ħofra fejn kien jinżamm iż-żejt. Sa hawn nistħajlu arkeologu bħali qed jibni l-ewwel parti ta' skeda ta' oġġett arkeoloġiku għall-inventarju. Fl-istess vena jintebaħ b'sinjal li jindika ż-żmien meta ssawwar u nħema ġo maġmar: il-ħuta minquxa fuq ġbinu turi li:

Tal-Ajkla li ħakmet
Id-dinja żmien twil
Kien għadu ma nkiser
Il-ġewnaħ qalil.

Mela meta l-madmad ta' Ruma kien għadu ma tkissirx mill-invażjonijiet tal-barbari.

Billi l-Arkeoloġija Kristjana mhix il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tiegħi, ma nixtieqx mill-injoranza tiegħi niżgwidakom u għalhekk m'iniex biħsiebni nidħol fil-kontroversja li għaddejja fuq id-datazzjoni tal-katakombi Nsara Maltin, jekk l-ewwel li ntużaw kienx fit-tielet seklu jew fir-raba' seklu wara Kristu. Jidher, iżda, li s-simboli kriptiċi, bħall-monogramma ☧ (I-ewwel zewġ ittri ta' ΧΡΙΣΤΟΣ) u dak tal-ħuta, li kif nafu huwa sinjal figurattiv tal-kelma Griega ΙΧΘΥΣ (ħuta) li l-ittri tagħha huma l-inizjali ta'

ħames kelmiet bil-Grieg ΙΗΣΟΥΣ ΧΡΙΣΤΟΣ ΘΕΙΟΥ ΥΙΟΣ ΣΩΤΗΡ (Ġesù Kristu Iben Alla, il-Feddej), dawn is-simboli bdew jintużaw mat-tħaddin tat-twemmin Nisrani mill-Imperatur Kostantinu (jiġifieri lejn nofs is-seklu erbgħa).

Skond il-poeta, issa l-musbieħ jinsab merfugħ b'għożża ġol-ħġieġ fil-Mużew tal-Belt – fi skeda ta' inventarju dan jikkorrispondi għall-post fejn huwa kkonservat l-oġġett.

Fid-daħla għall-poeżija Dun Karm jagħti din id-definizzjoni interessanti ta' Mużew:

> Il-Mużew hu palazz fejn jinsabu miġbura, miżmumin tajjeb ġol-ħġieġ u mqassmin bid-dehen u bil-għaqal biex jidhru, bosta ħwejjeġ qodma li nkixfu fil-gżejjer tagħna, u li jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira lil min jixtieq jagħraf sewwa l-ġrajja tal-bnedmin illi ġew, għexu u mietu hawnhekk fl-eqdem żminijiet.[5]

Tneħħi l-kelma palazz, m'hemm xejn f'din id-definizzjoni li ma jikkorrispondix mal-kunċett modern ta' mużew arkeoloġiku. Forsi wieħed jista' jżid li mużew għandu jkun ukoll mogħni b'informazzjoni meħtieġa li tiftiehem minn kulħadd biex jintlaħaq l-iskop edukattiv demokratiku.

Iżda, ikompli jistaqsi l-poeta, x'inhu l-għan, x'inhi l-ħtieġa ta' dan l-oġġett arkeoloġiku fid-dinja moderna. U hawn itemm xogħlu l-arkeologu u jidħol il-poeta, il-moralista. Għall-poeta tagħna l-musbieħ għadu jixħet dawl qawwi:

> Dawl qawwi li jinfed
> Is-saffi ħoxnin
> Tad-dlam illi nġabar
> Mal-mixja tas-snin[6]

u, lejn tmiem il-poeżija:

> Għall-ġieħ ta' pajjiżna
> Int bosta meħtieġ.

F'dan il-kliem naraw x'jaħseb il-poeta li hi l-funzjoni ta' din id-dixxiplina – li ddawwalna fuq dak li għadda minn għala missirijietna fil-passat – u l-ħtieġa tal-wirt arkeoloġiku tagħna – li jgħollilna ġieħna u ġieħ artna mal-barranin. U min minna ma jħossux kburi bil-wirt arkeoloġiku li ħallewlna ta' qabilna?

Jissokta jistaqsi l-poeta lill-musbieħ jekk meta kien għadu jnemnem ġo rokna ta' xi dar kienx qatt sema' lil xi xwejjaħ jirrakkonta l-ġrajja tal-mixegħla li l-Imperatur Neruni kien għamel bl-iġsma tal-Insara.[7] Jistaqsih ukoll jekk meta tniżżel fil-katakombi qatt rax lill-Insara mħalltin, għonja u fqar, kbar u żgħar, jinġabru hemm isfel:

Dwar mejda tal-ħaġar
jintasbu flimkien,
mingħajr ebda għażla
ta' ġieħ u ta' żmien.[8]

M'hemmx dubju li l-poeta hawn għandu f'moħħu l-*Agape*, jew 'mejda tal-imhabba', kif jispjega fit-tul u jiddeskrivi fid-dettal fid-daħla, jew 'kelmtejn minn qabel', kif isejħilha hu. Din hija ambjent, għamla ta' ftit iktar minn nofs tond, maqtugħ mill-blat b'mejda tonda fin-nofs li jinsab bosta drabi fil-katakombi Maltin. Dan qabel kien jissejjah '*mensa*' (jew mejda) jew '*triclinium*' ghaliex kien jixxebbah mat-*triclinium* tad-djar Rumani, jiġifieri l-arranġament għall-ikel tipiku tar-Rumani. Dan kien jikkonsisti f'mejda fin-nofs imdawra fuq tliet naħat minn *klinai*, jew firxa li fuqha n-nies kienu jimteddu fuq ġenbhom u jixxabbtu biex jilħqu l-ikel minn fuq il-mejda tan-nofs. Lejn l-aħħar tal-Imperu Ruman, ngħidu aħna minn Kostantinu 'l hawn, l-għamla tal-firxa madwar il-mejda tal-ikel fid-djar u fil-vilel tas-sinjuri inbidlet, ħadet il-qagħda tal-ittra C (*sigma* bil-Grieg) u bdiet tissejjaħ '*stibadium*'. Għalhekk, u billi l-firxa madwar il-mejda fil-katakombi Maltin għandha

wkoll din l-għamla, xieraq li nsejħulha *stibadium* (plural: *stibadia*). Studju tal-katakombi Maltin, kif ukoll ta' dawn l-istibadja kien sar miż-żewġ studjużi ewlenin Maltin tal-Arkeoloġija Paleokristjana: Vincent Borg u Mario Buhagiar u għalhekk ta' min iqabbel dak li jgħid Dun Karm fil-poeżija u fl-introduzzjoni għaliha ma' dak li kitbu dawn l-istudjużi ħamsin u sittin sena wara.[9]

Minn meta ndifen fil-qabar il-musbieħ għaddew mijiet tas-snin. Twieldu, kibru u mietu saltniet u eżempji ta' dawn il-poeta jagħti t-tempji ta' Ġove u Ġuno, l-allat ewlenin ta' Ruma li ġġarrfet u s-saltna tagħha nqasmet fi tnejn. Niżlu l-popli barbari min-naħa ta' fuq u quddiemhom:

Inqerdet ix-xeħta
Għas-Snajja' tal-Ġmiel,
Tal-ġenna ta' Ateni
Intilef kull ħjiel.

Hawn naraw stqarrija tal-ideal perfett ta' sbuħija li ċ-ċiviltà Griega (Ateni) kienet tirrappreżenta u li tagħha Ruma kienet biss il-werrieta.

L-Arkeoloġija bħala arti, bħala wirt klassiku, kif imħaddna tradizzjonalment f'ħafna universitajiet, kemm Ingliżi kif ukoll tal-kontinent, u kif għadha miżmuma speċjalment fl-universitajiet Taljani fejn l-Istituti ta' din id-dixxiplina jissejħu *Istituti di Archeologia e Storia dell'Arte Antica,* issib rifless hawnhekk u fil-bidu tal-poeżija *Fil-Katakombi II:*

Għalxejn tfittex hawnhekk tal-ġmiel is-sengħa,
dik is-sengħa li mliet Ateni u Ruma
b'għeġubijiet li l-ebda żmien ma sata'
jisboq fil-qawwa anqas fil-ħlewwa;

L-istess ideal tal-quċċata tas-sbuħija milħuqa mill-arti tal-Greċja u ta' Ruma u li l-ebda arti oħra ma sebqet huwa

tipiku tal-ħsieb intellettwali Ewropew mir-Rinaxximent sal-ewwel snin tas-seklu għoxrin, imħaddan ukoll, kif qed naraw, minn Dun Karm.

Fit-taqsima li jmiss tal-poeżija *Il-Musbieħ tal-Mużew*, Dun Karm jirrappreżenta bis-sħiħ it-twemmin storiku ta' żmienu, li kien iqis il-miġja tal-Għarab f'Malta bħala waħda ta' qerda biss u ta' xejn fejda:

U siket il-għana
U tbiddel il-lsien,
Tal-ħaqq u tas-sewwa
Irtafa' l-miżien.

Bil-herra f'mixjitha
Bil-minġel mislut,
Rebbieħa jekk toqtol,
Rebbieħa jekk tmut,

Il-qilla tal-Għarbi,
Żorr f'dinu u mqit,
Għaddiet fuq il-ħemda
Ta' qabrek sikwit.

Tal-ewwel, il-bidla tal-ilsien mitħaddet fi gżiritna minn dak ta' Ruma għal dak Għarbi, hija realtà storika li ħadd ma jiċħadha. It-tieni kumment fuq ir-rafgħa tal-miżien tal-ħaqq u tas-sewwa huwa ġudizzju storiku li llum jitqies żbaljat mill-istudjużi ta' dan il-qasam.

Ħaġa stramba u kurjuża, fil-kuntest taż-żmien attwali, meta qed jiġi pubblikat it-test rivedut ta' din it-taħdita (2011), li Dun Karm ma jsemmi xejn fuq il-kwistjoni, bħalissa taħraq ħafna bejn l-istudjużi, dwar jekk kienx hemm kontinwità jew le tat-twemmin Nisrani fit-tliet sekli ta' okkupazzjoni Għarbija tal-gżejjer Maltin. Donnu li Dun Karm lanqas biss ħass il-ħtieġa li jqajjem din il-kwistjoni. Jista' jkun li għamel dan għaliex

kien iħaddan bl-akbar konvinzjoni t-tradizzjoni li t-twemmin Nisrani qatt ma naqas f'dawn il-gżejjer matul iż-Żmien tan-Nofs, saħansitra sa mill-miġja ta' San Pawl f'Malta fis-sena 60 w.K. Il-kitba serja tal-istudjuż Ġermaniż Albert Mayr fuq l-istorja bikrija tal-Knisja f'Malta[10] għal iktar minn seklu ma ħalliet l-ebda impatt fuq l-istudji tal-istorja Medjevali Maltija, inqas u inqas fuq din it-tradizzjoni mħaddna u mxandra, bla ebda ħjiel ta' xi dubbju, mill-awtoritajiet u mill-istudjużi ekkleżjastici Maltin. Għal seklu sħiħ din il-kitba baqgħet qisha ma teżistix, forsi għaliex kienet bil-Ġermaniz, ilsien li dam ma beda jiġi mgħallem fis-sistema edukattiva tagħna.[11]

Sfortunatament, il-kontribut tal-arkeoloġija f'dan ir-rigward mhuwiex suffiċjenti, jekk mhux nieqes għalkollox. Ta' żmien il-ħakma Għarbija f'Malta nistgħu ngħidu li m'għandniex fdal ta' bini wieħed. Kulma għandna huwa fuħħar, u xi skrizzjonijiet Għarbin taż-żmien meta Malta kienet diġà waqgħet taħt in-Normanni ta' Sqallija. Dawn l-iskrizzjonijiet huma mnaqqxa b'ittri Għarbin ornamentali ħafna fuq ġebel minġur f'għamla priżmatika li kien jitqiegħed fuq l-oqbra tal-mejtin l-iktar għonja. Kienu nstabu flimkien ma' għexieren ta' oqbra Misilmin barra is-swar tal-Imdina fl-1881, 'il fuq mill-fdalijiet tal-bini u l-mużajċi tad-*domus* Rumana tar-Rabat.[12]

Min-naħa l-oħra, l-arkeoloġi Taljani li ħaffru f'Tas-Silġ fis-snin 1963-1970 kitbu li kienu sabu xhieda tal-qerda tal-knisja Nisranija u tal-bini ta' madwarha taħt idejn l-invażuri Għarab, kif ukoll fdal ta' miħrab, parti minn moskea.[13]

It-twemmin storiku tradizzjonali tal-ġenerazzjoni ta' Dun Karm jissokta jittenna fil-figura tal-Konti Ruġġieru, "ir-raġel qalbieni / li ħabb is-Salib", li raġa' għalhekk irrestawra t-twemmin Nisrani f'artna. Għalkemm il-poeta jgħid li miegħu

… 'nfirex standard
Ta' safa, ta' mħabba,
Maħdum ġilju u ward.

ma jidhirx li kien qiegħed jirreferi għal-leġġenda l-oħra, bla bażi storika, tal-oriġini tal-bandiera Maltija.

U warajh waslu l-Kavallieri "Għedewwa bil-ħalfa / Tad-djieb Misilmin" u magħhom, warajhom, ġiet:

Il-muna tal-ġid;
Il-ħasba u l-ħedma
Ixxittlu mill-ġdid.

## Perjodu Ruman

Iżda l-interess ta' Dun Karm fl-arkeoloġija Maltija ma jiqafx mal-arkeoloġija Kristjana. Jinfirex ukoll fuq il-perjodu Ruman pagan. Iżda lanqas hawn, is-sentiment reliġjuż ma jħallihx bla ma jġiegħlu jirrifletti fuq il-frugħa tat-twemmin u tal-kobor u l-ġid tar-Rumani pagani.

Fil-poeżija *Ħerba,* Dun Karm jagħmel xi riflessjonijiet poetiċi fuq il-fdalijiet ta' villa Rumana f'Għajn Tuffieħa, dawk li aħna nsibuhom bħala l-Banjijiet Rumani għaliex dak kollu li baqa' minn dan il-bini huwa sewwasew dik il-parti li kienet tagħmel minn kumpless termali mogħni b'sistema ta' sħana artifiċjali minn taħt l-art. Iżda aktarx li dawn il-fdalijiet kienu biss parti minn bini iktar estensiv, villa tal-kampanja li llum ma baqa' ebda ħjiel tal-bqija tagħha.

Is-sunett ġie mitbugħ f'Marzu tal-1933, erba' snin wara s-sejba tal-fdalijiet u sentejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Bullettin tal-Mużew*.[14] Nirriproducih hawn għax qasir:

*Ħerba*
(Villa Rumana)
Hemm, fejn iż-żerq tas-sema jbus il-ħdura
li tlibbes il-għoljiet ta' Għajn Tuffieħa,
hemm għadhom is-sisien li juru s-sura
li kellha darba dik id-Dar sabiħa;

għadu hemm il-mużajk li id għajjura
għaddiet b'difrejha, kif is-sengħa lħiħa
kienet titlob ta' Ruma; iżda miġbura
f'daħla mwarrba l-kusien tal-oħla fwieħa,

u l-Penati, il-kolonni, il-palm fil-qsari,
għaxqa waħdiena ta' xi Sidt kburija
minn dawk li Ruma kienet tnissel dari,

ma għadhomx hemm; għebet il-mara u ġidha;
bilqiegħda fuq il-ħerba mistoħbija
tidħak il-Mewt bl-arloġġ u l-minġel f'idha.

Il-kliem "is-sisien li juru s-sura / li kellha darba dik id-Dar sabiħa" jiżvelaw kunċett imħaddem mill-arkeologu li jipprova jirrikostruwixxi f'moħħu u fuq il-karta s-sura tal-bini (l-elevazzjoni) mis-sisien li jifdal. Hawn Malta, fejn is-saff tal-ħamrija li jostor il-fdalijiet arkeoloġiċi huwa ġeneralment irqiq ħafna, inqisuna xxurtjati meta jifdal mill-inqas il-pedamenti. Mhux ta' b'xejn li nosservaw ton ta' stagħġib meta jinnota li

*għadu hemm il-mużajk* li id għajjura
għaddiet b'difrejha, kif is-sengħa lħiħa
kienet titlob ta' Ruma...

Ma nafx biżżejjed fuq it-teknika tat-tqegħid tal-mużajk Ruman biex ngħidilkom fiex jidħlu d-difrejn; iżda hu veru li l-mużajċi ta' Għajn Tuffieħa huma prodott tal-aħjar artiġġjanat Ruman f'dan il-qasam.

Il-poeta, imma, jinnota wkoll dak li kien xi darba u m'għadux: il-kusien tal-oħla fwieħa miġbura f'daħla mwarrba, il-kolonni, kif ukoll il-Penati, dawk ix-xbihat żgħar li r-Rumani kienu jqimu bħala l-allat li jħarsu l-familja u d-dar. Bħal dawn kollha nstabu għadd kbir ġewwa d-djar

ta' Pompej u Erkolano li tgħattew bit-tajn u l-irmied tal-Vesuvju, il-vulkan li żbroffa fis-sena 69 w.K.

M'iniex ċert għaliex il-poeta għażel il-figura ta' mara bħala s-sidt kburija ta' dik id-dar, flok raġel. Forsi għaliex "il-palm fil-qsari" nassoċjawh mal-kura tal-mara tad-dar. L-aħħar nota hija dik pessimista tal-frugħa tal-ħwejjeġ tad-dinja: *sic transit gloria Romæ* bħalma *sic transit gloria mundi* u

bilqiegħda fuq il-ħerba mistoħbija
tidħak il-Mewt bl-arloġġ u l-minġel f'idha.

F'dan il-kuntest tad-dinja klassika wieħed ma jistax ma josservax li meta tqabblu mal-mudelli tiegħu, l-iktar Monti u Foscolo, Dun Karm jispikka għan-nuqqas ta' riferimenti għall-mitoloġija u ismijiet oħra taċ-ċiviltà Griega-Rumana. Bosta huma, min-naħa l-oħra, ir-riferimenti għal Ruma u Ateni, iżda bħala bliet storiċi, benniena ta' ċiviltà, li mietu filwaqt li baqa' sħiħ it-twemmin Nisrani.

## Arkeoloġija Industrijali

Bosta huma dawk li jorbtu l-arkeoloġija esklużivament mal-qedem, dak il-qedem li forsi l-iżjed li jasal lejna huwa saż-Żminijiet tan-Nofs. Inqas u inqas huma dawk li jiġihom f'moħħhom li hemm sezzjoni tal-arkeoloġija li tittratta l-makkinarju u aspetti oħra tal-ħajja industrijali, u li nsejħulha "arkeoloġija industrijali".

Waħda mill-poeżiji ta' Dun Karm, *Lill-Mitħna tar-Riħ* (1922) hija mnebbħa minn fdal tal-industrija qadima ta' missirijietna, li f'Malta nsibu ħafna eżemplari tagħha, iżda li waħdiet huma dawk li għadhom attrezzati bl-apparat kollu tagħhom. F'din l-għanja Dun Karm jistqarr it-tħassib tiegħu għall-waqfien mit-tħaddim tal-imtieħen tar-riħ iżda

jaċċettah bħala simbolu tal-bidla ineżorabbli tal-progress fil-ħajja moderna tal-bniedem.

F'poeżija bħal *Fil-Mużew* (1929) aktarx li wieħed ma jistenniex li l-poeta se jittratta xi ħaġa oħra ħlief dak li normalment wieħed isib f'Mużew tal-Arkeoloġija, fi kliem il-poeta stess:

Xaqquf iswed, aħmar, isfar
liema mħażżeż, liema mhux,
ġebel, għadam, żġieġ, muniti,
ħut, għasafar u bebbux;

Imbagħ'd statwi, ġarar, bwieqi,
sdieri, qliezet ...

Minn dawn il-ħwejjeġ kollha l-poeta jolqtu arloġġ tal-ħajt, ħaġa li wieħed normalment jassoċja ma' din is-sezzjoni tal-arkeoloġija, dik industrijali, jew protoindustrijali.

## Evoluzzjoni 1932

Naħseb li ħadd ma għandu jistenna, la fi żmienu u lanqas illum, li Dun Karm, segwaċi fidil tat-tagħlim uffiċjali tal-Knisja, anzi għalliem tal-istess tagħlim – ħadd ma jistenna, nerġa' ngħid, li xi darba tul ħajtu, Dun Karm kellu jaċċetta t-teorija Darwinjana dwar l-evoluzzjoni tal-bniedem. Għalih, kull ħsieb li jmur b'xi mod kontra l-kelma ispirata tal-Iskrittura Mqaddsa għandu jitwarrab, iktar u iktar meta jniżżel in-nisel tal-bniedem għal-livell ta' annimal, dak tax-xadina.

Nirriproduċi il-poeżija li tittratta b'ton epigrammatiku u xi ftit umoristiku dan is-suġġett, għax qasira ħafna.

*Evolution*
Darwin qal kelma; lil xi wħud qablilhom
u qalu li l-bnedmin ġew mix-xadina,

jiġifieri, qabel Adam u Eva
kienu, l-missier, xadin, u l-omm, xadina!...
Kieku kien hekk u t-tajfa baqgħet tielgħa
kull nisel tarġa 'l fuq minn tax-xadina,
kieku l-bnedmin tal-lum jixbhu lill-anġli
wisq iżjed milli jixbhu lix-xadina...
Imm'għandu jkun li sabu t-triq imwiegħra
u... reġgħu lura fejn ħallew x-xadina.

Kieku Dun Karm kien ateu, anjostiku, pagan jew antireliġjuż jew kien jgħix f'ambjent ta' riċerka fix-xjenzi naturali, forsi kien ikollu għażla x'jagħmel, iħaddanx jew le t-teorija evoluzzjonistika ta' Darwin, u jiftaħx għajnejh għall-iżviluppi f'dan il-qasam tal-antropoloġija li saru fl-aħħar snin tas-seklu 20 li fihom, wara kollox, il-poeta ma kienx għadu ħaj. Iżda bħala saċerdot Nisrani u Kattoliku li l-messaġġ tiegħu kien is-sublimazzjoni tal-bniedem fit-tagħlim tal-Iskrittura u l-Vanġelu, it-teorija Darwinjana ma setgħetx tkun aċċettabbli; anzi ma kienx jistħoqqilha ħlief li titwaqqa' għaż-żeblieħ.

## Ħarsien tal-Wirt Arkeoloġiku

Tema attwali ħafna fl-iżvilupp ta' pajjiżna f'din is-siegħa hija l-preokkupazzjoni mill-ħarsien tal-wirt storiku-arkeoloġiku (kif ukoll dak naturali) ta' din l-art ħelwa. Din it-tema l-poeta tagħna ma jmisshiex direttament, iżda kultant niltaqgħu ma' xi tnehida li tagħti x'tifhem li Dun Karm kien diġà jħoss dan il-bżonn.

Ikolli ngħid li fil-poeżija *Fil-Katakombi I* il-karba ta' Dun Karm

Joħroġ leħen mill-oqbra –
mill-oqbra jaħasra mikxufa! –

din il-karba, espressa f'parentesi – u kważi għax f'parentesi iktar tinqala', iktar tieħu saħħa – hija riflessjoni fuq l-istat mitluq tal-oqbra tal-qedem. Donnu li l-poeta kien jistenna li dawn l-oqbra jerġa' jingħatalhom lura l-għatu b'rispett għall-bnedmin Insara li darba kienu midfunin fihom. Ma nafx għandix nara iktar milli jidher fil-wiċċ u nistħajjel antiċipazzjoni f'Dun Karm tal-kwistjoni etika kurrenti fil-qasam tal-arkeoloġija, jiġifieri jekk kull għadam ta' bnedmin li jitħarrek waqt it-tiftix arkeoloġiku għandux jerġa' jindifen bir-rispett kollu wara li jsiru l-istudji meħtieġa. Mill-esperjenza tiegħi f'dan il-qasam, dan għamilnieh fil-każ ta' skeletri umani minn ġo knisja Medjevali, iżda qatt m'għaddielna minn moħħna li nagħmluh fil-każ ta' mijiet ta' skeletri minn oqbra u ċimiterji li jmorru 'lura għaż-żminijiet ta'qabel Kristu.

Karba oħra mnebbħa mit-telf tal-wirt arkeoloġiku Malti niltaqgħu magħha fil-kelmtejn ta' daħla li Dun Karm kiteb għall-pubblikazzjoni tal-poeżija *Il-Musbieħ tal-Mużew* u li hija eku tal-karba tat-tnehida mfissra fl-istess poeżija:

Jaħasra! minn sħabek
Kemm għabu mijiet
Li kienu tal-qedem
Jgħallmuna d-drawwiet!

Fid-daħla il-poeta jitnikket għaliex mill-ħafna msiebaħ misjuba "fiż-żminijiet li għaddew ... jaħasra! billi min kien isibhom aktarx ma kienx jifhem, ġara illi ntemmew qasir il-għomor". Illum ma naħsibx li għadna daqshekk sajmin mit-tagħrif fuq dawn il-ħwejjeġ, iżda xorta għadek tisma' stejjer ta' qerda ta' oqbra antiki li l-kontenut tagħhom jispiċċa f'xi kollezzjoni privata jew oħra, u b'hekk jintilef darba għal dejjem il-valur storiku tiegħu.

Minn dan l-eżami limitat għall-poeżija ta' Dun Karm wieħed jieħu l-impressjoni li l-perspettiva arkeoloġika tal-

poeta kienet limitata għall-aħħar, ristretta kważi għalkollox għal dik Kristjana, tal-ewwel Insara f'Malta. Wieħed kien jistenna li monumenti spettakolari u imponenti fil-pajsaġġ (sa dak iż-żmien intatt) Malti, bħal dawk ta' Ħaġar Qim, Ħal Tarxien u l-Ġgantija kellhom jolqtu xi darba jew oħra lill-poeta nazzjonali u jnebbhuh xi għanja (lirika, didattika, ballata, li trid inti) fuq dan il-wirt prezzjuż u fl-istess ħin misterjuż ta' artna, bħal ma nebbħu lil poeti oħrajn. Iżda le. Lanqas l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, li ngħid għalija kieku kont poeta, kont insib fih għajn tfawwar ta' ispirazzjoni, ma jsib post fil-kontenut arkeoloġiku tal-poeżija Dunkarmjana.

Lanqas il-Feniċi ma huma rappreżentati fl-arkeoloġija ta' Dun Karm. Din tibda bi żmien ir-Rumani, u għaliex huwa f'dak iż-żmien li tiżvolġi ruħha ċ-ċiviltà bikrija Nisranija li hija ċ-ċentru tal-attenzjoni tiegħu.

Dan kollu wieħed jifhmu meta jiftakar li barra li kien saċerdot, Dun Karm għamel żmien jgħallem dan is-suġġett, Arkeoloġija Kristjana, fis-Seminarju. Iżda, paradossalment, huwa preċiżament meta wieħed ifittex id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' din il-karriera ta' għalliem li wieħed jinduna li din l-impressjoni hija żbaljata u li Dun Karm kellu perspettiva ħafna iktar wiesgħa ta' din id-dixxiplina.

## Dun Karm bħala Għalliem

Ta' interess kbir għal min ifittex fuq is-suġġett ta' din it-taħdita huwa bla dubju ta' xejn il-manuskritt ta' Dun Karm (MS 207) illum miżmum fis-sezzjoni tal-Melitensia tal-Librerija tal-Università bl-isem *Lezioni di Archeologia Cristiana* bid-data 1908-9.

Fl-ewwel lezzjoni Dun Karm, b'metodoloġija eżemplari jintroduċi lill-istudenti tiegħu għal din id-dixxiplina, bid-

definizzjoni tagħha, ir-*raison d'être,* l-istorja, il-metodoloġija, id-dokumenti u t-tqassim tagħha.

Nistqarr li l-iktar paragrafu li laqatni f'dan il-manuskritt huwa dak fejn jagħti apoloġija tal-arkeoloġija, għaliex fiha juri li kellu kunċett ta' din ix-xjenza ħafna iktar miftuħ u universali minn dak li jagħti x'jifhem fil-poeżija fejn jidher li huwa magħluq kważi esklużivament għall-Arkeoloġija Kristjana. Isimgħu kliemu stess:

> *Vi fu chi disse inutile passatempo l'Archeologia. Non è vero. Chiamare inutile l'Archeologia, questo gigantesco lavoro con ammirevole pazienza compilato e con sagace ordine disposto, è lo stesso che dire inutile la storia; imperciochè, come già abbiamo accennato innanzi, lo scopo pratico della nuova Scienza non è che la ricostruzione e la cognizione perfetta della vita dei popoli antichi, massime di quelli dei quali mancano affatto i monumenti letterari. E che la nuova Scienza, tanto sul campo della antichità classica, quanto su quello dell'antichità cristiana, abbia già in pochi anni di vita ottenuto largamente il suo scopo è semplicemente evidente.*

Relevanti ħafna hi s-sensiela ta' artikli bit-Taljan mill-pinna ta' Dun Karm, intitolati "Archeologia"[15], li kienu ġew ippubblikati f'*The Teacher*: l-ewwel artiklu fil-ħarġa ta' Novembru 1920; il-ħames, u l-aħħar, artiklu fil-ħarġa ta' Novembru 1922.[16]

F'dawn l-artikli huwa jikteb b'mod l-iktar luċidu u b'Taljan perfett introduzzjoni għall-Arkeoloġija bħala dixxiplina. Fiha wieħed isib elaborati l-istess ħsibijiet tal-manuskritt tal-librerija tal-Università. Jidher ċar sa mill-ewwel silta, u kif kont nistenna minnu bħala għalliem tal-istess dixxiplina, li l-għan aħħari ta' Dun Karm kien li jeduka lill-qarrejja tar-rivista fuq l-Arkeoloġija Kristjana. Tant hu hekk li fl-istess silta, wara li jagħti definizzjoni tal-

Arkeoloġija u jqabbilha mal-Istorja u mal-Istorja tal-Arti, u filwaqt li jisħaq fuq il-kontribut tagħha lil dawn iż-żewġ dixxiplini, huwa jagħlaq l-lenti tiegħu fuq l-Arkeoloġija Kristjana. Dan il-għan joħroġ iktar ovvju fit-tieni silta fejn jittratta l-għejun ta' tagħrif għall-Arkeoloġija. Fuq quddiem nett ta' dawn l-għejun iqiegħed il-Bibbja, is-Santi Padri tal-bidu, u l-kitbiet ('*memorie*') tal-Pellegrini fuq is-Siti Mqaddsa u l-oqbra tal-Appostli f'Ruma, kif ukoll il-Martiroloġi u l-Kotba Liturġiċi.

Meta jgħaddi għall-għejun "monumentali", jiġifieri l-oġġetti u l-fdalijiet materjali, huwa jqiegħed fuq quddiem l-Arkitettura tal-Ewwel Insara. Meta mbagħad jiddiskuti il-mużewijiet u kollezzjonijiet oħra ta' kategoriji differenti ta' oġġetti materjali l-għażla tiegħu ta' eżempji taqa' fuq dawk Kristjani, bħall-Museum Christianum fil-Vatikan u l-mużew imwaqqaf mill-Papa Piju IX fil-Palazz tal-Lateran – li mbagħad sar il-Museo Cristiano Lateranense.

Fl-istess perspettiva, fil-ħames silta fejn jagħti firxa tal-istorja tal-letteratura fuq l-istess dixxiplina, huwa jikkonċentra kważi esklużivament fuq kittieba tal-Arkeoloġija Kristjana, bħal Onofrio Panvinio (1529-1568), Antonio Bosio (1576-1629) u Cesare Baronio (1538-1607), sal-famuż Giovanni Battista De Rossi (1841-1894).

## Konklużjoni

Fl-aħħar nett naħseb li ma nkunx għamilt ġustizzja ma' Dun Karm fuq din it-tema jekk ma nislitx xi ħsibijiet u attitudinijiet lejn l-Arkeoloġija li hu jesprimi f'nota bijografika ta' Temi Zammit fl-okkażjoni tal-mewt ta' dan f'Novembru 1935, l-aħħar kitba ta' Dun Karm li naf biha jien fuq dan is-suġġett.[17] Fiha, Dun Karm jesprimi r-rispett u l-istima kbira li kellu għal dan il-persunaġġ staordinarju li ddomina x-xena lokali

fil-qasam tal-Arkeoloġija fl-ewwel terz tas-seklu għoxrin. Barra li jsemmi l-merti ta' Zammit f'oqsam oħra, infatti, il-kittieb jikkonċentra fuq ix-xogħol siewi li għamel Zammit f'dan il-qasam. L-ewwel ħsieb huwa dak fuq il-ħtieġa tat-tħaffir arkeoloġiku li mingħajru ċ-ċiviltajiet antiki, fosthom dik ta' art twelidu, kienu jibqgħu mistura. Dun Karm jenfasizza l-importanza tal-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' dan it-tiftix. Fost dawn minn ta' quddiem kien l-ewwel rapport fuq l-Ipoġew "meraviljuż" ta' Ħal Saflieni. Huwa juri apprezzament speċjali għall-ħafna sejbiet li Zammit kien għamel (oqbra, fdalijiet ta' djar u vilel [Rumani]) u (importanti) ippubblikahom f'rivisti akkademiċi kemm f'Malta kif ukoll barra. L-aqwa fost dawn is-sejbiet, skond Dun Karm, kienu il-fdalijiet tat-tempji megalitiċi ta' Ħal Tarxien. Dan juri li fir-realtà Dun Karm ma kienx sajjem mill-apprezzament tal-wirt preistoriku ta' art twelidu. Jiġbed ukoll l-attenzjoni fuq l-għajnuna "ġeneruża" li kien wera ma' Luigi Maria Ugolini, l-arkeologu Taljan li min-naħa tiegħu fl-1934 xandar il-meravilji tal-preistorja Maltija mad-dinja bil-ktieb tiegħu Malta: *Origini della Civiltà Mediterranea*.

## Radd ta' Ħajr

Nixtieq nagħlaq billi nrodd ħajr lill-kumitat *Konferenza Dun Karm* ta' dak iż-żmien, lill-mibkija Karmen Mikallef Buħaġar u lill-Professur Oliver Friggieri talli flimkien tawni l-opportunità li niskopri, anki għalija nnifsi, l-isfond tal-wirt kulturali u storiku f'Dun Karm, iżda l-iżjed għaliex, medhi kif kont fil-ġirja mgħaġġla tal-ħajja ta' kuljum, wara li kont tlaqt l-istudji letterarji għal iktar minn għoxrin sena, tawni l-opportunità li nerġa' niskopri s-sbuħija tal-poeżija b'mod ġenerali, dik tal-poeta nazzjonali tagħna b'mod partikolari.

## Appendiċi

In memoria dell'Onor. Prof. Sir T. Zammit (Sezzjoni tal-Arkivji u Kotba Rari tal-Librerija tal-Università: MS 215.7)

Fl-ewwel parti l-kittieb jelenka l-merti ta' Zammit fil-qasam tal-kimika, qabel ma jgħaddi biex isemmi l-kisbiet li hu kien għamel fil-qasam tal-Arkeoloġija:

*Antichissimi poeti e antichissimi storici avevano cantato e narrato le meravigliose bellezze della sua piccola patria; ma dei monumenti di quell'antica civiltà e di quell'antica floridezza niente o poco rimaneva. Dunque? Scavare, scoprire, illustrare , ordinare quei monumenti, testimoni sinceri della grandezza e bellezza di Malta dev'essere il secondo campo di attività sua. Ed egli si mette all'opera.*

*Nel 1903 s'inaugura in un nuovo locale un piccolo museo già esisitente in nucleo nella Regia Biblioteca ed egli ne è fatto conservatore; e, dato un pò di assetto alla scarsa raccolta dei monumenti, alterna coi lavori sul campo della chimica le ricerche e i lavori sul campo archeologico e preistorico dell'isola. Sfrutta i risultati ottenuti dai suoi illustri predecessori, l'Habela, il Ciantar, il Barbaro, il Bres e fra i più recenti il Vassallo, il Caruana, e il Tagliaferro, e nel 1908 pubblica in Inglese la Guida alla Villa Romana del Rabat, da lui convertita in un piccolo museo, e una descrizione storica della Città Valletta; nel 1910 pubblica il primo rapporto sul meraviglioso ipogeo di Ħal Saflieni, recentemente scoperto.*

*Fortunato anche in questo campo, fa una serie di scoperte di tombe, di avanzi di case e di ville, in Malta e in Gozo, che egli descrive, schizza e illustra nell'Archivum Melitense, nel Bollettino di Paleontologia [sic.* minflok *Paletnologia] Italiana, nell'Archaeologia di Londra, nel Monthly Record of Anthropological Science, nella Rivista della Society of Antiquaries, nella Art and Archaeology e altre importanti*

*riviste: scoperte che vengono coronate da una che le supera tutte in importanza, quella cioè degli avanzi cospicui di due templi megalitici, conservati in ottimo stato nelle vicinanze del villaggio di Tarxien, non molto lontano dal famoso Ipogeo. Questi templi egli minutamente descrisse e illustrò in tre consecutivi rapporti e in articoli pubblicati in Riviste straniere.*

*Intanto svariati cimeli ed altri piccoli oggetti di arte minuta, di vetro, di osso, di selce, di bronzo, di terracotta raccolti dalle tombe, dalle ville, dai templi scoperti andavano ad arricchire il Museo Nazionale che in pochi anni crebbe talmente che lo si dovè trasportare in un locale più ampio, cioè l'antico Albergo d'Italia, ed è oggi, perciò che riguarda la preistoria, divenuto uno dei più importanti musei del mondo.*

*Questi risultati non poterono non dare la massima soddisfazione allo Zammit; e furono essi uniti alla sua illimitata cortesia, che davvero resero Malta carissima ai Maltesi e ammirevole agli occhi degli stranieri. Lo sa l'Ugolini, il quale colla generosa cooperazione di quest'uomo grande e umile che pose a disposizione di lui l'immenso corredo delle sue cognizioni e la maravigliosa raccolta dei monumenti, potè dare al mondo il suo bellissimo libro "Malta: Origini della Civiltà Mediterranea".*

*Nè al buon Temistocle fu straniera l'archeologia cristiana; e le estese catacombe di San Paolo del Rabat, nonche le minori catacombe di Sant' Agata, di San Cataldo, Tal-Virtù, Tad-Dejr, ed altre furono anch'esse oggetto caro della sua instancabile investigazione.*

*Frutto prezioso di questo complesso di studi fu il suo libro "Le Isole di Malta e la loro Storia" pubblicato in Maltese nel 1924, e in inglese nel 1926, e ristampato nelle due lingue più dopo, copie di questo libro poste nelle venti piccole biblioteche di campagna sono in continua circolazione.*

Hawnhekk l-awtur ikompli jfaħħar il-merti ta' Zammit fil-qasam tal-lingwa Maltija.

**Noti**

1 Taħdita mogħtija fl-Università fit-23 ta' Ottubru 1987u emendata għal din l-okkazjoni. Għalkemm fit-teorija u fil-prattika tal-Arkeologija mis-snin 1980 'l hawn, f'ħafna setturi, dan il kunċett inqaleb ta' taħt fuq. Skont l-Arkeoloġija Post-Proċesswali, jew Interpretattiva, mhux talli l-kitba arkeoloġika ma tistax tkun oġġettiva, għaliex il-kittieb ma jista' qatt iwarrab għal kollox dak li xorob kulturalment f'ħajtu u fil-formazzjoni tiegħu, iżda għandha tkun soġġettiva.

2 Oliver Friggieri, *Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura* (Malta: Klabb Kotba Maltin u Karmen Mikallef Buħaġar, 1980) 48.

3 Dun Carm. Psaila, *Il Musbieh tal Muzeu: poeżija u chelmtejn kabel ta' Dun Carm. Psaila* (Malta: Tipografia "Empire", bla data, prob. 1920). Minn hawn 'il quddiem ser nirreferi għal din l-edizzjoni ta' din il-poeżija, iżda bl-użu tal-ortografija kurrenti.

4 Dan il-musbieħ, b'rappreżentazzjoni ta' ħuta fuq il-wiċċ tond ta' fuq, kien instab fl-1912 f'qabar fi Strada Giardino Botanico, illum Triq Luqa Briffa, mhux 'il bogħod mill-fdalijiet ta' villa Rumana li jinsabu fl-art tal-iskola sekondarja tal-bniet fiż-Żejtun. Il-musbieħ inħadem fis-seklu ħamsa w.K., fl-Afrika ta' Fuq, aktarx fir-Tuneżija.

5 *Ibid*. 11.

6 *Ibid*. 15.

7 *Ibid*. 16.

8 *Ibid*. 17.

9 Vincent Borg, 'Une île et ses hypogées de l'ère des premiers chrétiens: Malte', *Les Dossiers de l'Archéologie* No. 19 (Novembru- Diċembru 1976) 52-67; Mario Buhagiar, *Late Roman and Byzantine Catacombs and Related Burial Places in the Maltese Islands* (Oxford, B.A.R., 1986). F'numru ta' pubblikazzjonijiet wara l-1986, l-istess Mario Buhagiar kompla jsostni d-data post-Kostantinjana ta' dawn l-imwejjed, kif ukoll tal-katakombi li huma jagħmlu ħaġa waħda minnhom.

10 Albert Mayr, "Zur Geschichte der älteren christlichen Kirche von Malta", *Historisches Jahrbuch* XVII, 3 (1896) 475-96.

11 Traduzzjoni għall-Ingliż ta' din il-kitba ġiet ippublikata l-ewwel darba s-sena li għaddiet: Albert Mayr (traduzzjoni ta' Hanna Stöger), "On the history of the older Christian church of Malta", f'Joseph F. Grima (ed.), *60th Anniversary of the Society: a commemoration* (Malta, The Malta Historical Society, 2010) 23-40. Fl-1999 l-istess traduttriċi kienet kitbet teżi kritika, taħt id-direzzjoni tiegħi, fuq il-kitbiet ta' Albert Mayr relatati ma' Malta: Johanna Stöger, *Albert Mayr (1868-1924): a Legacy of Pioneer Work. An Evaluation of Mayr's Contribution on the Works of Later Scholars*

(dissertazzjoni tal-BA (Hons), Università ta' Malta, 1999); Hanna Stöger, "Albert Mayr (1868-1924), *Malta Archaeological Review*, 4 (2000) 3-9. Ara wkoll il-kumment ta' Godfrey Wettinger għall-pubblikazzjoni ta' din it-traduzzjoni: Godfrey Wettinger, "Why an 1896 paper is being published, a personal note", f'Joseph F. Grima (ed.), *60th Anniversary of the Society: a commemoration* (Malta, The Malta Historical Society, 2010) 19-22.

12 Mijiet ta' oqbra bħalhom komplew jinstabu fl-istess naħa matul is-seklu għoxrin u għadhom qed jinstabu sal-lum, fl-2011, taħt il-bini fuq in-naħa opposta tat-triq. Minħabba f'hekk dan iċ-ċimiterju jgħodd bħala wieħed uniku fil-Mediterran għal dak iż-żmien u għandu importanza qawwija għall-arkeoloġija Iżlamika.

13 Michelangelo Cagiano de Azevedo, "Medieval buildings excavated in Malta', f'Anthony T. Luttrell (ed.), *Medieval Malta,* (London, 1975) 89, fig. 3b. Għalkemm huwa minnu li nstab ammont ta' fuħħar ta' żmien l-Għarab fis-saffi 'il fuq mill-fdalijiet Biżantini, studjużi oħrajn xeħtu dubji serji fuq kemm hu ta' min jorbot fuqha din l-interpretazzjoni. Ara Mario Buhagiar, "The Early Christian remains at Tas-Silg and San Pawl Milqi, Malta. A reconsideration of the archaeological evidence", *Melita Historica*, XII, 1 (1996) 1-46; Brunella Bruno, *L'Arcipelago Maltese in Età Romana e Bizantina: attività economiche e scambi al centro del Mediterraneo* (Bari, Edipuglia, 2004) 121-122.

14 T. Zammit, "Roman villa and the thermae at Għajn Tuffieħa – Malta", *Bulletin of the Museum* I, 1 (Frar 1931) 56-64.

15 Nota editorjali: Bonanno jgħid li l-fotokopji ta' dan l-artikli ġew f'idejh grazzi għal Toni Cortis li għaddihomlu wara li hu kien għamel it-taħdita f'Ottubru 1987. Bonanno jistqarr li dawn l-artikli għalih servew biex im-lew lakuna fit-taħdita tiegħu tal-1987 fuq l-involviment ta' Dun Karm fl-Arkeoloġija, li minħabba fiha baqa' jħossu skomdu u li żammitu milli jippubblika t-test tat-taħdita kif kien dakinhar.

16 Nizziħajr lis-Sur Toni Cortis talli ġentilment għaddieli dawn il-fotokopji.

17 Sezzjoni tal-Arkivji u Kotba Rari tal-Librerija tal-Università: MS 215.7. Anzi, barra minn hekk, bil-premess tal-pubblikaturi, qed nirriproduċi f'Appendiċi traskrizzjoni ta' dan il-manuskritt, limitata għall-parti relatata mas-suġġett ta' din il-kitba (ff. 3-6). Billi, sa fejn naf jien, din in-nota bijografika ma ġiet qatt stampata, naħseb li jistħoqqilha tiġi magħrufa minn settur ikbar tal-poplu Malti.